MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 91/2019 LM

**Eduard Roski (Passaport Ġermaniż numru C4X720CNV)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**Emperor Aviation Ltd (C 62836)**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Eduard Roski (Passaport Ġermaniż numru C4X720CNV)** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] mid-deċiżjoni preliminari mogħtija fis-26 ta' Novembru, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'I quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda li ma kellu l-ebda kompetenza sabiex

jisma' u jiddeċiedi r-rikors tal-appellant fil-konfront tas-soċjetà appellata **Emperor Aviation Ltd (C 62836)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellata"], filwaqt li stabbilixxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet skont l-A.L. 48 tal-1986 fl-ammont ta' €94.00 (erbgħa u disgħin Euro).

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw it-tmiem ta' kuntratt[1] ta' xogħol għal żmien indefinit li l-appellant iffirma mas-soċjetà appellata fl-inkarigu ta' bdot tal-ajru effettiv mill-1 ta' Jannar, 2018. Permezz ta' *email*[2] mibgħuta lill-appellant fid-9 ta' April, 2018, is-soċjetà appellata għarfitu li l-kuntratt inkwistjoni kien qed jiġi tterminat u f'*email* sussegwenti tal-10 ta' April, 2018, is-soċjetà appellata spjegat ir-raġuni tagħha għal dan.

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-21 ta' Ġunju, 2018, permezz ta' rikors fejn talab sabiex lit-Tribunal (a) jiddikjara u jiddeċiedi li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta u li saret għal raġunijiet mhux tajba u suffiċjenti fil-liġi; u (b) jordna dawk il-miżuri kollha opportuni inkluż il-ħlas ta' kumpens xieraq u adegwat; bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellata.

4. Is-soċjetà appellata ppreżentat id-dikjarazzjoni tagħha fil-11 Settembru, 2018, fejn eċċepiet: (a) preliminarjament l-appellant kellu jġib prova sabiex juri li fid-data tal-preżentata tal-każ tiegħu huwa kien qiegħed hawn Malta; (b) l-

[1] Dok. ER1 *a fol.* 6.
[2] *A fol.* 17.

appellat kien ġie ingaġġat bħala *self-employed* u għalhekk kienet qiegħda tikkontesta li l-kuntratt ta' bejniethom kien wieħed ta' impjieg; (ċ) l-aħħar ħlas sar mingħandha *"in full and final settlement of all your claims which you may have against the Company in relation to your contract and its termination";* (d) mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, kien hemm raġuni tajba u suffiċjenti għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant; (e) jekk it-Tribunal jiddeċiedi li kien hemm tkeċċija inġusta, kellu jittieħed inkonsiderazzjoni l-fatt li s-soċjetà appellata kienet tat minn jeddha tmien ġimgħat *notice* fejn ħallset xahrejn paga fl-ammont ta' €34,407.53.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-każ inkwestjoni u fost l-aspetti li se jikkunsidra huma; kemm il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrikjedu l-grad ta' Pilota biex jaqdi d-doveri tiegħu, kif ukoll se jikkunsidra n-natura tal-kuntratt bejn il-partijiet fis-sens, jekk dan il-kuntratt kienx l-għażla libera tar-rikorrent li jidħol għal kuntratt ta'* self employed *jew jekk dan il-kuntratt kienx impost mis-soċjetà bl-għan, li min iħaddem jimponi dan ix-xorta ta' kuntratt biex jevita l-obbligazzjonijiet legali dwar il-kundizzjonijiet ta' impjieg.*
>
> *Meta t-Tribunal Industrijali jeżamina dan l-aspett, jiġifieri jekk dan il-kuntratt sarx bl-għan li min iħaddem, jimponi kuntratt ta' din ix-xorta biex jevita l-obbligazzjonijiet legali tal-impjieg, dan it-Tribunal Industrijali wara li eżamina klawsola 5.3 tal-kuntratt ta' servizz li tgħid* "This agreement can be converted into an employment contract in the case the Pilot decides to have his residence and home airport at the same time in Malta and fullfills finally the requirements to be on the Maltese payroll scheme", *dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li dan il-kuntratt ma sarx bl-għan biex min iħaddem jevita l-obligi legali tal-impjieg. It-Tribunal Industrijali jasal għal din il-fehma għar-raguni, għax x'ħin ried ir-rikorrent*

*seta' jkun residenti f'Malta u jekk ir-rikorrent ried, seta' dan il-kuntratt jiġi kkonvertit f'wieħed ta' impjieg bir-riżultat, li min iħaddem kien ikun obbligat li josserva l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' impjegat kif huma rikjesti mill-liġijiet ta' Malta.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ma ġietx mogħtija spjegazzjoni mir-rikorrent għal liema raġuni huwa ma għażilx li jirreġistra x-xogħol tiegħu mal-Jobs Plus f'Malta u għażel li x-xogħol tiegħu u l-ħlasijiet kemm tal-kontribuzzjoni soċjali kif ukoll tat-taxxa jħallshom fir-Renju Unit.*

*Dan it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li meta r-rikorrent ġie mitlub biex jissostanza ix-xogħol tiegħu kien reġistrat fir-Renju Unit u kien qed iħallas il-kontribuzzjoni soċjali kif ukoll, li jippreżenta dokumentazzjoni tat-taxxa biex jipprova li l-unika dħul tiegħu kien ġej mis-soċjetà ntimata, huwa rrifjuta li jissottometti dawn id-dokumentazzjoni u jgħid, li d-dokumentazzjoni tat-taxxa m'għandhomx x'jaqsmu għax il-każ inkwestjoni ma kienx relatat mal-ħlasijiet tat-taxxa tiegħu.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, kif kien isir il-ħlasijiet għas-servizz li kien jgħati r-rikorrenti lis-soċjeta. Meta dan it-Tribunal Industrijali jeżamina l-provi ta' kif kienu jsiru dawn il-ħlasijiet jirriżultalu, li kien ir-rikorrenti li jagħti struzzjonijiet lis-soċjetà biex il-ħlasijiet f'okkażjonijiet isiru f'ismu u f'okkażjonijiet oħra kienet tinħareġ* invoice *mill-Kumpannija Almandine INC. li għandha l-indirizz tagħha fl-Istati Uniti tal-Amerika.*

*Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li r-rikorrenti għażel li l-ħlas għal servizzi ta' Pilota ma jsirux f'ismu, iżda jsiru lill-Kumpannija Almandine Inc., dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li r-rikorrenti żviluppa sitwazzjoni li mplikat, li r-relazzjoni ta' servizz ta' Pilota kien bejn il-kumpannija Almandine Inc u l-kumpannija Emperor Aviation Limited.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijal jikkunsidra wkoll, in-natura tax-xogħol ta' Pilota tal-Ajru. Meta dan it-Tribunal Industrijal jeżamina ix-xogħol ta' Pilota tal-ajru jsib, li fost aspetti oħra fin-natura tiegħu, dan ix-xogħol hu regolat minn diversi fatturi fosthom, li ma jistax jtajjar ajruplan x'ħin irid jew jirrapporta għax-xogħol skont il-konvenjenza ta' Pilota, imma s-servizz ta' Pilota huwa regolat minn ħinijiet u* schedules *li jiġu mposti mill-Awtoritajiet tal-ajru.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dak li qed jiġi msemmi hawn fuq iffisser, li lanqas l-istess soċjetà m'għanda ddeskrizzjoni li tuża l-ispazju tal-ajru skond il-konvenjenza tagħha.*

*Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li hija n-natura tax-xogħol ta' Pilota li josserva ħinijiet skont struzzjonijiet li jiġu mogħtija mill-Awtoritajiet tal-ajru*

*u huwa obbligat li josservahom kemm biex iwassal passiġġieri fil-ħin, kif ukoll fuq kollox għas-saħħa u s-sigurtà ta' min hu nvolut f'dan il-qasam tal-avjazzjoni.*

*It-Tribunal Industrijal jinnota wkoll, li hija n-natura tax-xogħol ta' Pilota tal-ajru li josserva regolamenti maħruġa mill-avjazzjoni tal-ajru u ta'* health and safety *fosthom, li ma jistax jaħdem aktar minn numru ta' sigħat fl-ajru ta' kull xahar kif ukoll, li l-Pilota għandu jkollu numru ta' sigħat għall-mistrieħ u dan sabiex il-Pilota tal-ajru jkun f'qagħda fiżika tajba sabiex ma tiġix kompromessa s-saħħa u s-sigurtà ta' kulħadd.*

*It-Tribunal Industrijal hu tal-fehma, li x-xogħol ta' Pilota m'għandux jiġi mpoġġi fl-istess keffa ta' xogħlijiet oħra, li għal raġunijiet għax il-ħaddiem obbligat li josserva l-ħin tax-xogħol jew għax jaqa' taħt ir-*regime *tal-*management *jew għax hu obbligat li josserva regolamenti jew għax juża l-makkinarju tal-kumpannija li f'dan il-każ qed nirreferu għal ajruplan, għandu jitqies li huwa mpjegat.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li dawn il-kundizzjonijiet tax-xogħol japplikaw għal kull Pilota. Dan għar-raġuni, li hija n-natura tax-xogħol ta' Pilota li jrid josserva kundizzjonijiet li huma mposti ħafna drabi mhux mill-*management *tal-kumpannija imma skont ir-regolamenti tal-Awtoritajiet tal-ajru.*

*In vista ta' dak li ġie analizzat hawn fuq, li kieku t-Tribunal Industrijali kellu jiddeċiedi li b'riżultat ta' dawn il-kundizzjonijiet, ix-xogħol ta' Pilota huwa wieħed ta' impjieg ikun iffisser, li l-Piloti ma jistgħux ikollhom xogħol ta'* self-employed *u dan ikun ifisser ukoll, li qed jiġi mċaħħad id-dritt fundamentali tal-libertà ta' min jaħdem xogħol ta' Pilota, li jagħżel x'tip ta' relazzjoni tax-xogħol għandu jkollu, jekk mhix waħda ta' mpjieg jew ta'* self employed.

*Għaldaqstant, wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li* statements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal għal konkluzjoni, li meta jeżamina ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom, li r-rikorrent għandu livell ta' edukazzjoni għolja u kien jaf li l-kuntratt li ffirma fejn klawsola 5.1 tal-kuntratt titkellem ċar li kien kuntratt ta'* self-employed *u r-rikorrent seta' dan il-kuntratt jikkonvertih f'wieħed ta' impjieg jekk huwa jiġi residenti f'Malta, iżda huwa għażel li jibqa' jgħix f'Moscow.*

*Ma' dan li qed jiġi msemmi hawn fuq meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-rikorrenti naqas li jippreżenta dokumentazzjoni ta' kif kien reġistrat bħala xogħol fir-Renju Unit għax hu għażel li ma jirreġistrax mal-JobsPlus u għaldaqstant ma setax jiġi verifikat x'kategorija ta' xogħol kien qed jirreġistra għalih, kif ukoll li naqas*

*li jippreżenta d-dokumentazzjoni tat-taxxa biex jipprova li l-unika dħul li kellu kien ġej biss mill-kumpannija ntimata.*

*Dan it-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu għad-Deċiżjoni jikkunsidra wkoll, li kien ir-rikorrent li kien qed jiddetta l-mod kif għandhom jitħallsu is-servizzi tiegħu u meta nvolva l-kumpannija Almandine Inc biex isiru ħlasijiet lillha għas-servizzi tiegħu, huwa kien qed jimplika li hu kien impjegat mal-Kumpannija Almandine Inc u dan għar-raġuni, għax kieku ma kienx impjegat magħha, il-kumpannija Almandine Inc ma kienetx titlob ħlasijiet lill Emperor Aviation għas-servizzi ta' Pilota li kien qed jagħmel ir-rikorrent. Għaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jasal għal konklużjoni u jiddeċiedi, li ma kienx hemm relazzjoni ta' mpjieg bejn ir-rikorrent u Emperor Aviation Limited (C 62836).*

*In vista ta' din id-Deċiżjoni, dan it-Tribunal Industrijali m'għandux kompetenza sabiex ikompli jisma' u jiddeċiedi fuq dan il-każ inkwistjoni."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-9 ta' Diċembru, 2019, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"1. Tilqa' l-aggravji u l-appell tiegħu, u*

*2. Tvarja d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali data 26 ta' Novembru 2019 billi tiddeċiedi illi l-appellant kien impjegat skont l-iStandard Nazzjonali fuq riferit, jew tħassar, tannulla u/jew tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali data 26 ta' Novembru 2019 fuq riferiti;*

*3. U tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti ma tiddeċidiex hi stess illi l-appellant kien impjegat skont il-liġi it-Tribunal jerġa' jikkunsidra l-eċezzjoni preliminari tenendo kont tal-iStandard Nazzjonali, jew f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi hi stess illi l-appellant kien impjegat, sabiex it-Tribunal ikompli jissokta bis-smiegħ tal-każ."*

L-aggravju prinċipali tal-appellant huwa li t-Tribunal applika ħażin il-punti u/jew il-prinċipji tad-dritt kif espressi fil-liġi.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Is-soċjetà appellata tilqa' billi fl-ewwel lok tissottometti li ma hemm l-ebda dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal u fit-tieni lok, iżda mingħajr preġudizzju għall-ewwel sottomissjoni, issostni li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma għar-raġunijiet imfissra.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-uniku aggravju tal-appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

9. Fl-ewwel parti tal-aggravju tiegħu, l-appellant jissottometti li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet żbaljati u erronji tal-liġi u tal-prassi industrijali, mingħajr riferiment għal-liġi u għall-ġurisprudenza. B'riferiment għall-artikolu 3 tal-L.S. 452.108 magħrufa bħala l-i*Standard Nazzjonali Dwar l-Istatus tal-Impjieg* [minn issa 'l quddiem "ir-Regolamenti] jissottometti li t-Tribunal ma applikax il-*lex specialis* fil-materja u minflok uża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex wasal għall-konklużjoni li x-xogħol tiegħu ma kienx impjieg. L-appellant jelenka dawk il-fatturi li t-Tribunal ikkunsidra bħala fatturi deċisivi fid-deċiżjoni appellata, iżda skont hu l-eżerċizzju tat-Tribunal kien skorrett u superfiċjali fejn ġiet injorata l-liġi speċifika dwar is-suġġett. Huwa jiċċita d-definizzjoni ta' "impjegat" kif jipprovdi għaliha l-artikolu 2 tal-Kap. 452, kif ukoll id-definizzjoni ta' kuntratt ta' servizz fl-istess artikolu, filwaqt li jgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel riferiment għal dawn iż-żewġ

definizzjonijiet u għall-elementi neċessarji sabiex jitqies li hemm "kuntratt ta' impjieg" u "impjegat". Jinsisti li t-Tribunal donnu ma kienx ta importanza għall-fatt li l-liġi tirrikjedi li wieħed iħares lil hinn minn dak li jipprovdi għalih il-kuntratt *prima facie,* filwaqt li jirrileva li l-liġi tirrikjedi evalwazzjoni oġġettiva tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Jgħid li llum hemm liġi speċjali, jiġifieri proprju r-Regolamenti, li għaliha t-Tribunal naqas li jagħmel riferiment minkejja li l-partijiet stess kienu għamlu riferiment għaliha. L-appellant hawnhekk jiċċita r-regolament 3 ta' dik il-Liġi Sussidjarja, u jissottometti li t-Tribunal kellu jevalwa wieħed wieħed il-kriterji hemm elenkati, għaliex kien proprju fl-eventwalità li jinstab li tal-inqas ħamsa minn dawn il-kriterji jeżistu li l-liġi toħloq preżunzjoni li jeżisti impjieg. Jekk imbagħad ħamsa minn dawk il-kriterji kienu jirriżultaw iżda xorta waħda ma jkunx hemm impjieg, il-partijiet kienu obbligati li jitolbu l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tal-Impjieg skont is-subregolament 3(2). L-appellant ikompli billi jissottometti li t-Tribunal għamel żball meta ta importanza għal-livell ta' edukazzjoni tal-appellant, għaliex il-liġi kienet intiża li tipproteġi kull ħaddiem u anki għaliex fil-każ odjern l-appellant bħala persuna mhux ta' nazzjonalità Maltija ma kienx intiż fil-liġi Maltija. Jissottometti li t-Tribunal żbalja wkoll meta kkunsidra n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-impjieg mal-JobsPlus, għaliex dan il-fatt kien wieħed irrilevanti kemm għax wara kollox dan kien l-obbligu tas-soċjetà appellata, kif ukoll għaliex din tal-aħħar ma kellha l-ebda obbligu ta' reġistrazzjoni għaliex ix-xogħol ma kienx ser jitwettaq hawn Malta. Għal dak li jirrigwarda l-introjtu tiegħu, l-appellant jirrileva li matul is-smigħ tal-kawża huwa kien iddikjara bil-ġurament li l-introjtu mix-xogħol tiegħu mas-soċjetà appellata kien l-uniku wieħed u peress li huwa kien ippreżenta rendikont bankarju in sostenn ta' dan, huwa ma kienx ħass il-ħtieġa

li jippreżenta dokumenti relatati ma' taxxi mħallsa barra minn Malta. L-appellant jagħmel riferiment għal fatt ieħor li dwaru t-Tribunal esprima ruħu, jiġifieri l-ħlasijiet li kienu saru lil kumpannija terza fuq struzzjonijiet tiegħu. Jgħid li kuntarjament għal dak li qal it-Tribunal, l-ebda relazzjoni ġuridika ma nħolqot b'dan il-mod u l-konklużjoni ma kinitx imsejsa fuq il-liġi. Jgħid ukoll li hija skorretta l-enfażi tat-Tribunal fuq ir-regolamenti applikabbli għal bdoti tal-ajru, għaliex mhumiex il-bdoti biss li kellhom isegwu regolamenti u liġijiet speċifiċi. Is-sottomissjoni aħħarija tal-appellant hija li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal marru kontra dak li kien mitlub mill-*lex specialis* u saħansitra għamel konsiderazzjonijiet oħra msejsa fuq l-argumenti miġjuba mis-soċjetà appellata u li kellhom jiġu skartati.

10. Is-soċjetà appellata preliminarjament tissottometti li skont is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, appell minn deċiżjoni tat-Tribunal huwa permess biss fuq punt ta' liġi u b'hekk ma hemm l-ebda appell minn apprezzament ta' fatti. Tirrileva li l-appellant huwa skorrett meta jgħid li t-Tribunal injora għalkollox il-liġi speċifika fuq is-suġġett, jiġifieri r-Regolamenti, għaliex saħansitra waqt is-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2018, it-Tribunal kien ordna lill-partijiet sabiex iressqu l-provi tagħhom b'riferiment għal din il-liġi sussidjarja, u kif saħaq l-imsemmi Tribunal il-każ kellu jiġi deċiż fil-parametri tal-imsemmija liġi. B'hekk fid-dawl tal-provi mressqa mill-partijiet fil-kuntest u fid-dawl tar-Regolamenti msemmija, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kinitx waħda ta' impjieg. It-Tribunal għamel riferiment għall-kriterji applikabbli skont ir-Regolamenti fid-deċiżjoni tiegħu f'pagni 14 sa 16 u saħansitra isemmihom. Iżda s-soċjetà appellata tgħid li l-

apprezzament tal-fatti kif magħmul mhux sindakabbli minn din il-Qorti, stante li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal huwa permess biss fuq punt ta' liġi. Tkompli tgħid li l-konsiderazzjonijiet l-oħra li għamel it-Tribunal kienu saru b'mod li jasal għal konklużjoni. It-Tribunal ma kienx sab li hemm xi abbuż fil-konfront tal-appellant, li wara kollox baqa' sal-aħħar ma ppreżenta l-ebda dokument fir-rigward ta' taxxa, sigurtà soċjali jew dak simili għal FS3 maħruġ fil-pajjiż fejn huwa kien ibbażat, bħala prova tad-dħul tiegħu. Is-soċjetà appellata tagħlaq ir-risposta tagħha billi tissottometti li l-appellant kien qiegħed jagħmel gwadann mill-istatus tiegħu bħala bniedem jaħdem b'mod indipendenti, u issa li spiċċat ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, deherlu li kellu jikkontesta dan l-istat tiegħu.

11. Kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellata, is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 jagħti dritt ta' appell mis-sentenza tat-Tribunal fuq punt ta' liġi biss, u dan fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra, fosthom fejn il-każ jirrigwarda l-allegata tkeċċija mingħajr kawża ġusta. Meħud inkonsiderazzjoni li t-talba tal-appellant lit-Tribunal kienet proprju għal dikjarazzjoni li huwa tkeċċa mingħajr kawża ġusta, din il-Qorti ssib li l-appell odjern jista' jkun permess biss jekk jaqa' ġewwa il-parametri stabbiliti mis-subartikolu ċitat. L-appellant isostni li l-aggravju tiegħu huwa dwar l-applikazzjoni ħażina ta' punti u/jew prinċipji ta' dritt u hawnhekk huwa jagħmel riferiment partikolari għall-artikolu 3 tar-Regolamenti. Huwa qed jippretendi li t-Tribunal kellu japplika din il-*lex specialis,* iżda minflok dan eżerċita biss id-diskrezzjoni tiegħu sabiex iddeċieda li ma kienx hemm impjieg.

12. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-appellant. Tgħid li t-Tribunal sewwa għamel li bħala punt tat-tluq l-ewwel eżamina l-kuntratt li l-partijiet

iffirmaw bejniethom. Ma tistax tqis li hawnhekk it-Tribunal eżerċita d-diskrezzjoni, għaliex kif jipprovdi s-subartikolu 992(1) tal-Kap. 16, kuntratt għandu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet u għalhekk huwa l-akbar xhieda tar-relazzjoni ta' bejniethom. B'hekk it-Tribunal m'għamel xejn aktar għajr li applika d-dispożizzjonijiet tal-liġi, li wara kollox hija partikolari għall-kuntratti.

13. Meta mbagħad it-Tribunal għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-fatt li l-appellant (a) għażel li jirreġistra l-impjieg tiegħu fir-Renju Unit, fejn ukoll kien iħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u t-taxxa, iżda fl-istess ħin ma ressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward; u (b) irrifjuta li jressaq prova li turi li l-uniku dħul tiegħu kien ġej mix-xogħol tiegħu mas-soċjetà appellata, il-Qorti tqis li dawn saru fid-dawl tal-ewwel rekwiżit li jipprovdi għalih il-paragrafu (a) tas-subartikolu 3(2) tar-Regolamenti fuq imsemmija. Minn hemm it-Tribunal għadda sabiex eżamina in-natura tax-xogħol ta' bdot, u hawnhekk din il-Qorti ssib għal darb'oħra li t-Tribunal kien qed jimxi skont dak li jitlob minnu s-subartikolu 3(2) suriferit. Effettivament it-Tribunal aċċenna għal għadd ta' fatturi li jikkaratterizzaw ix-xogħol tal-appellant, u dan b'mod ċar li ma jħalli l-ebda dubju lil din il-Qorti, sabiex ifittex u jsib jekk jirriżultawx ir-rekwiżiti stabbiliti permezz tal-paragrafi (b), (ċ), (d) u (f) tas-subartikolu 3(1) tar-Regolamenti. B'hekk għal darb'oħra l-Qorti ma tikkondividix il-fehma tal-appellant li t-Tribunal mexa skont id-diskrezzjoni u mhux skont il-liġi, u l-fatt li ma jagħmilx riferiment għall-paragrafi partikolari tar-Regolamenti, ma jnaqqas xejn minn dan u lanqas ukoll il-fatt li ħa inkonsiderazzjoni provi oħra bħala xhieda tar-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet u li jmorru oltre l-kuntratt ta' bejniethom.

14. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li filwaqt li l-appellant jisħaqq li t-Tribunal naqas milli japplika l-*lex specialis* fil-materja, jgħid li naqas milli jagħmel riferiment għad-definizzjoni ta' "impjegat" u dik ta' "kuntratt ta' servizz" li jipprovdi għalihom l-artikolu 2 tal-Kap. 452. Il-Qorti tgħid li ċertament dawn id-definizzjonijiet huma rilevanti, iżda huma d-dispożizzjonijiet aktar dettaljati tas-subartikolu 3(1) tar-Regolamenti li fl-aħħar mill-aħħar jiddeterminaw b'mod ċar b'riferiment għal fatturi partikolari, dak li għandu jiġi meqjus bħala impjieg.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravju tal-appellant mhux ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata.**
**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**